MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2011

Numru 467/2011

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

vs

Carmelo Caruana

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Carmelo Caruana ta’ 57 sena bin il- mejjet Carmelo u Mary nee’ Zahra imwieled Senglea fit-28 ta’ Novembru 1954 u joqghod ‘ St Joseph Flats’ Flt 2 Triq Patrizju B’Bugia, detentur tal karta tal- identita’ numru 863554 (M).

Talli f’ Jannar 2011 u fix- xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda; approprjajt ruhek, billi dawwart bi

profit ghalik jew al persuna ohra, min haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilek that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioè ghamilt qligh ta aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu. (€ 2,329.37), ghal detriment tas-socjeta’ Titan International Limited, ai termini ta’ l-artikoli 18, 293 u 294 tal- Kodici Kriminali, tal-Kap 9 tal- ligijiet ta’ Malta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qortin taghtu zmien jinikosidha;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikonsidrat;

l-imputat permezz tal-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tieghu qieghed jammetti ghall-misapproprjazzjoni li wettaq fil-konfront u ghad-detriment tas-socjeta’ Titan International Limited.

Stante l-ammissjoni li tirrizulta wkoll mill-istqarrija rilaxxjata minnu lill- Pulizija, l-Qorti issibu hati tal-akkuza kontrih dedotta.

Rat l-Artikolu 18, 293, 294 tal-Kap 9.

Rat il-fedina penali tieghu .

Tiddeciedi li tapplika kontra l-imputat, l-Artikolu 22 tal-Kap 446 billi tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin mill- lum.

Tordnalu wkoll fuq l-iskorta tal-Artikolu 24 tal-imsemmi Kap 446 li jirrestitwixxi u jhallas lura kull ammont dovut lis-socjeta' Titan International Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------